Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

**Appell Numru: 469 / 2016**

Il-Pulizija

vs

**Emanuel Abela**

Illum, 30 ta' Mejju, 2019.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Emanuel Abela iben Michaelangelo, imwieled Pieta' fit-12 ta' Dicembru, 1968, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 505068(M), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

1. Talli nhar il-Hadd, 6 ta' Settembru 2015 u/jew zminijiet precedenti f' dawn il-Gzejjer, ghall-habta ta' 6:00hrs waqt stagun miftuh ikkaccajt jew ppruvajt tikkaccja, weggajt, hadt jew ppruvajt tiehu, xi ghasafar gewwa Santwarju ta' l-Ghasafar fl-inhawi ta' Cimiterju ta' l-Addolorata l/o Rahal Gdid u dan bi ksur tar-Regolament 24(a) tal-L.S. 504.71;

2. Akkuzat talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kellek fil-pussess tieghek Arma tan-nar Luigi Frankie sn SA/37738 u li kienet ikkargata u mhux fl-ghata gewwa Santwarju ta' l-Ghasafar u dan bi ksur ta' L.S. 504.71 reg 24(c);

3. Akkuzat talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bhala pussessur ta' licenzja taht l-artikolu 27(1) tal-Kap 480 inqast li thares il-kundizzjonijiet imsemmija f' dik il-licenza;

4. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, zammejt jew garrejt arma tan-nar li tkun ikkargata, jew bl-iskratac fil-kompartament ta' l-iskratac ta' l-arma, jew barra l-ghata taghha, f' post li mhux permess l-isparar fuq il-kacca u dan bi ksur tar-reg 17 tal-L.S. 504.71;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-12 ta' Ottubru, 2016 fejn il-Qorti wara li rat ir-Regolamenti 17, 24(a) u 24(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li semghet lill-partijiet jittrattaw fuq il-piena li setghet tinghata lill-imputat, il-Qorti sabet l-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u kkundannatu multa ta' €2000, kif ukoll kkonfiskat l-esebiti u ssospendiet il-licenzja ghal sentejn.

Rat ir-rikors tal-appellant Emanuel Abela minnu pprezentat fit-18 ta' Ottubru, 2016 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lill-appellant minn kull reita' u htija; u, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti ma joghogobhiex tilqa' din it-talba u joghgobha tikkonferma s-sentenza appellata ghal dak li jirrigwarda s-sejbien tal-htija, allura b'mod sussidjarju, tvarja s-sentenza appellata billi tibdel il-piena inflitta mill-Ewwel Qorti fuq l-appellant u minflokk taghti piena inqas severa u aktar gusta u adegwata fic-cirkostanzi.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe' :-

1. Illi l-aggravji tal-appellant huma cari u manifesti u fis-semplicita taghhom jikkonssitu fis-segwenti;

2. Illi l-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ma setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghas-sejbien ta' htija tal-imputazzjonijiet kif dedotti bil-provi li tressqu mill-prosekuzzjoni, u li konsegwentement is-sentenza tal-ewwel qorti ma tistax titqies bhala wahda li hi *safe and satisfactory*;

3. Illi l-appellant huwa ben konsapevoli tal-fatt li din l-Onorabbli Qorti tal-Appell hi Qorti ta' revizjoni u li ma tiddisturbax leggerment u kappricozament l-

apprezzament ta' l-ewwel qorti fil-konfront tal-provi migjuba quddiema. Madanakollu, u ghalkemm l-appellant ghandu l-akbar rispett għal tali insenjament, l-appellant umilment jemmen li fil-kaz in ezami l-Prosekuzzjoni mhux talli ma rnexxielix iggib bizzejjed provi sabiex tinstab htija l-fuq minn kull dubju dettat mir-raguni, izda sahansitra qatt ma setghet tinstab htija stante li l-Prosekuzzjoni naqset, bl-aktar mod palezi, li tipprezenta l-ahjar prova ghad-dispozizzjoni taghha. Ghaldaqstant, l-appell odjern jittratta mhux sempliciment l-apprezzament tal-provi maghmul, izda ukoll u primarjament il-kapacita ta' l-ewwel qorti li tasal ghas-sejbin ta' htija gjaladarba ma gewx segwiti r-regoli procedurali dwar il-produzzjoni tal-ahjar prova;

4. Illi dan qieghed jinghad ghax kemm mill-affidavits ta' PS 305 u ta' PC 1209, prezentati quddiem l-ewwel qorti, kif ukoll mix-xhieda *viva voce* ta' l-Ispettur Jurgen Vella, johrog car li l-kaz kollu beda mir-rapport maghmul minn xhud okulari, ossia ta' terz injot ghal l-appellant. Fil-fatt fix-xhieda tieghu, l-Ispettur Jurgen Vella stqarr li l-pulizija marru fuq il-post fuq telefonata maghmula minn dan it-terz injot, liema terz sahansitra baqa' in kommunikazzjoni mal-pulizija sabiex jindika precizament fejn kien jinsab l-appellant, u dan sakemm il-pulizija ghamlet kuntatt dirett mal-istess appellant;

5. Illi minkejja li tali terz kien xhud okulari u minkejja li kien il-persuna li osserva l-movimenti tal-appellant waqt li kien allegatament qieghed ghall-kacca gewwa s-Santwarju, tant li kien hu li ghamel ir-rapport, din il-persuna ma tressqitx bhala xhud mill-Prosekuzzjoni quddiem l-ewwel qorti. Minflok il-Prosekuzzjoni ghazlet li tistrieh fuq l-affidavits tal-pulizija PS 305 u ta' PC 1209, liema pulizija kienu biss xhieda okulari sekondarji li, del resto, irriskontraw lill-appellant mhux waqt li kien fis-Santwarju msemmi - fejn allegatament rah it-terz injot - iza meta kien barra il-konfini tal-istess. Min naha l-ohra dak kollu li xehed l-Ispettur Jurgen Vella ma jistax jinghata piz probatorju stante li, kif ammess minnu in kontro-ezami, l-Ispettur ma kienx prezenti fuq il-post a tempo vergine izda kien mar hemm biss sussegwentement u ghalhekk seta' biss jixhed fuq dak irrappurtat lilu;

6. Illi fil-fatt jinghad li bin-nuqqas tal-prosekuzzjoni li ttella lil persuna li allegatament rat lill-appellant ghall-kacca gewwa s-Santwarju, xhud tant importanti, xhud okulari, li allegatament ra r-reat isehh *in flagrante delicto*, hija naqset milli tissodisfa l-vot tal-ligi tal-procedura kriminali, liema ligi tirrikjedi **b' mod tassattiv** li l-prosekuzzjoni ttella **l-ahjar prova ghad-dispozizzjoni taghha**. Dan ghandu ukoll mis-sewwa ghax fin-nuqqas wiehed jigi riskontrat b' sitwazzjonijiet fejn individwi jinstabu hatja fi proceduri kriminali biss abbazi ta' evidenza indiretta jew cirkostanzjali allavolja jkun hemm evidenza aktar diretta u b' sahhitha. Bir-rispett jinghad li ghalkemm l-evidenza indiretta u cirkostanzjali tista' u ghandha titqies bhala prova fejn din tkun univoka u inekwivoka, il-ligi procedurali penali trid li **din it-tip ta' evidenza m' ghandhiex tinghata supremazija jew preferenza fuq l-ahjar evidenza ghad-dispoizizzjoni tal-prosekuzzjoni**;

7. Illi huwa umilment sottomess li skond il-liġi proċedurali nostrana, kull qorti, u partikolarment qorti ta' ġudikatura kriminali, għandha fil-każijiet kollha tordna li ssirilha l-aħjar prova li tista' ġġib parti. Tali regola toħroġ mill-Artikolu 559 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, liema artikolu hu applikabbli għall-proċeduri kriminali bis-saħħa tal-artikolu 520(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

8. Illi di *piu* jingħad li l-Artikolu 638(1) tal-Kodiċi Kriminali jgħid bl-aktar mod skjett li "*Bħala regola, għandu jitqies li tinġieb il-prova l-aktar sħiħa u sodisfaċenti illi l-każ ikun jagħti, u li ma jitħalla barra ebda xhud li x-xiehda tiegħu tkun importanti*";

9. Illi tenut kont ta' dawn ir-**regoli tassattivi ta' proċedura penali**, jingħad li fil-każ odjern zgur illi ma giex sodisfatt "*il-principju kardinali tal-kamp kriminali li sabiex ikun hemm sejbien ta' htija il-Prosekuzzjoni trid necessarjament iggib u tipprezenta l-aqwa prova li jkollha fil-pussess taghha. Tant hu hekk illi l-prosekuzzjoni tentuta tipprezenta kull prova kemm dik favur u kemm kontra*";[1]

10. Illi huwa veru li fi żminijiet aktar riċensjuri kien hemm it-tendenza fil-qrati nostrana li tali regola dwar l-aħjar prova tiġi applikata b' inqas rigidita, pero waħda

[1] *Pulizija (Spettur Pierre Grech) v Antoine Agius*, Qorti tal-Appell Kriminali per Onor. Imħallef Antonio Mizzi, 12 ta' Mejju, 2015;

mill-aktar sentenzi ricenti ta' din l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali, kif diversament presjeduta, espremiet il-fehma li minkejja dan, xorta waħda tali regola għandha ssib applikazzjoni fejn ċerta evidenza ta' natura sekondarja ma tkunx tista' tagħmel tajjeb u tissostitwixxi n-nuqqas li tiġi prodotta l-aħjar evidenza;[2]

11. Illi għalhekk qiegħed jiġi argumentat li f' dan il-kaz, certament illi x-xhieda permezz tal-affidavit ta' PC 305 u PS 1209, liema xhieda lanqas tabilhaqq ma hi univoka u konkludenti, u lanqas ix-xhieda tal-Ispettur Jurgen Vella, li tabilhaqq tikkostitwixxi biss *hearsay*, ma setgħet tagħmel tajjeb u tissostitwixxi n-nuqqas tal-Prosekuzzjoni li tippreżenta x-xhieda tax-xhud okulari li għamel ir-rapport u li osserva lill-appellant *in flagrante*. Huwa proprju *inter alia* għal din ir-raġuni li f' dan il-kaz, il-Qorti ma setghet qatt tasal ghal konviciment morali, illi l-appellant kien qiegħed jikkaċja ġewwa s-Santwarju u mhux barra l-istess u dan għaliex il-pulizija sabet lill-appellant barra s-Santwarju u kien biss it-terz injot li allegatament ra l-appellant ġewwa s-Santwarju. Konsegwentement, f' dan il-kaz, la darba ma tressaqx ix-xhud okulari msemmi, ebda Qorti ma setgħet ikollha l-konvinciment morali meħtieġ sabiex ssib il-ħtija;

12. Illi fuq ir-regola tal-aħjar prova l-esponenti jagħmel referenza għal l-insenjament tal-wisq għaref Professur Mamo, fejn dan jgħid hekk;

*'The main object of the rules of evidence is to secure, so far as it can be secured, that the evidence given in a judicial proceeding shall be true, and for that reason they* ***require that the best evidence procurable of the matter in dispute shall be given*** *and in a manner which will best ensure the object in view….* ***The rule as to the production of the best evidence is rigid****, and the mind of the Court is alert to discover, when evidence of an alleged fact is tendered, whether it is not within the power of the person tendering it to produce better evidence of the same fact, and* ***if the court is satisfied that better evidence can be produced it will insist upon the production thereof****…In the* ***unavoidable*** *absence of the best or primary evidence, the Court will accept what is known as secondary evidence. Secondary evidence is evidence which suggests on the face of it that other and better evidence*

[2] *Pulizija (Spettur Pierre Grech) v Antoine Agius*, Qorti tal-Appell Kriminali per Onor. Imħallef Antonio Mizzi, 12 ta' Mejju, 2015;

*exists. It follows that **it will never be received until the party tendering it proves what it is out of his power to obtain other evidence**…'* (Enfasi Mizjuda);[3]

13. Illi min dan jirriżulta li r-regola dwar l-aħjar prova hija waħda riġida u tassattiva u li, anzi, il-qorti hija **fid-dmir u d-dover** li titlob li tiġi prodotta l-aħjar evidenza. Aktar minn hekk il-Profs Mamo jisħaq li huwa biss jekk u wara li l-Qorti tkun konvinta li l-aħjar evidenza ma setgħetx tinġieb, li l-Prosekuzzjoni tingħata l-fakulta li ġġib evidenza ta' natura sekondarja;

14. Illi bir-rispett kollu lejn l-abbli Ufficjal Prosekutur, l-appellant jissottometti li ma ngabet l-ebda spjegazzjoni għalfejn il-prosekuzzjoni kienet fl-impossibilita li tipproduci x-xhud okulari msemmi, lanqas meta tali punt ġie sollevat mid-difensur tal-esponenti, b' dan li kemm il-Prosekuzzjoni u kemm l-ewwel qorti għażlu minflok li jistrieħu fuq evidenza sekondarja mingħajr biss ma jindrizzaw dan il-punt kardinali;

15. Illi l-punt in diskussjoni isib anki l-komfort tal-Archbold, fejn jingħad li:

*"It is a general rule that the best evidence of which the nature of the case will admit **must be produced**, if it can possibly be obtained; if not, then the next best evidence that can be obtained is admitted...... Therefore **before secondary evidence is offered, a foundation for it must first be laid, by proving that evidence at first hand cannot be obtained.**"*[4]

16. Illi tali frażi ġiet ċitata b' approvazzjoni anki minn din l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali, kif diversament presjeduta mill-Onor. Imħallef Joseph Galea Debono, f' sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija (Spettur Clo. Bartolo) v Nazzareno sive Reno Zarb,*** mogħtija nhar il-31 ta' Awwissu, 2006;

17. Illi huwa proprju għalhekk li l-lanjanza tal-appellant hi li l-Prosekuzzjoni ma setgħetx tieqaf biss fuq ix-xiehda inkonklussiva tal-uffiċjali tal-pulizija mingħajr ma tipproduċi l-aħjar prova possibbli fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ. Għalkemm ix-xiehda

[3] Notamenti tal-Professur Anthony Mamo fuq il-Procedura Kriminali;
[4] Archbold, Criminal Pleading Evidence and Practice, p 347;

tal-Ispettur Vella, PS 305 u PC 1209 hija indikattiva ta' ċerta fatti, mill-banda l-oħra għall-fini ta' prova tal-imputazzjoniiet kif dedotti, ma kienetx suffiċjentement preċiża, ċara u l-aqwa prova li setgħet issir fiċ-ċirkostanzi, b' dan li kien ferm faċli għall-Prosekuzzjoni li ġġib l-aħjar prova;[5]

18. Illi ghaldaqstant, fid-dawl tal-enuncjazzjonijiet ta' dritt maghmula aktar il-fuq, l-appellant umilment jissottometti li l-Prosekuzzjoni ma rnexxielix tissodisfa l-vot tal-ligi billi ggib l-ahjar prova ghad-dispozizzjoni taghha u b' hekk l-ewwel qorti ma setghet qatt, legalment u ragjonevolment, tasal sabiex issib il-htija;

19. Illi lil hinn minn dawn il-kunsiderazzjonijiet jigi rilevat li anki jekk, biss ghall-grazzja tal-argument, wiehed iwarrab il-htiega ghall-ahjar prova, xorta jibqa l-fatt li l-evidenza l-ohra mressqa mill-Prosekuzzjoni, qua evidenza sekondarja u ċirkostanzjali, ma kienitx univoka u attendibbli;

20. Illi jinghad li anki l-affidavits maghmula mill-pulizija huma afflitti minn kunflitt li jinpingi fuq il-kredibilita u l-attendibilita taghhom. Fil-fatt filwaqt li fl-affidavit tiegħu PS 305 jgħid li osserva lill-appellant "*bil-qegħda fuq ġebla*", PS 1209 fl-affidavit tiegħu jgħid li l-appellant kien "qieghed għal-kacca ġo għalqa". Dawn iż-żewġ verzjonijiet tabilħaqq huma anki konfliġġenti max-xhieda tal-Ispettur Jurgen Vella, fejn dan xehed li l-appellant kien miexi xi ftit metri l-ġewwa ġos-Santwarju;

21. Illi l-kunflitt fil-provi tal-Prosekuzzjoni joħroġ ukoll mill-fatt li hemm differenza bejn dak li allegatament stqar l-imputat liż-żewġ pulizija li marru fuq il-post. Filwaqt li PC 305 fl-affidavit tiegħu jgħid li l-appellant qal li hu kien "jaf li huwa Riserva imma qallilna li jmur hemm ghax mandux post fejn immur", PS 1209 jgħid li l-appellant "stqarr li dik kienet ghalqa tieghu u li kienet ezatt min fejn tibda riserva". Għalhekk jirrizulta li filwaqt li fl-ewwel verzjoni hemm allegat ammissjoni da parte tal-appellant, fit-tieni verzjoni ma hemm l-ebda ammissjoni;

---

[5] Ara f' dan is-sens Ara f' dan is-sens *Il-Pulizija (Spettur Joseph Mercieca u Spettur Carol Fabri) v Salem M. Ali Elaidy u Abderraouf Barchech*, Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta` Gudikatura Kriminali per Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja, 21 ta' Marzu, 2016 u *Il-Pulizija (Spettur Joseph Busuttil) v Christopher Sammut*, Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta` Gudikatura Kriminali per Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja, 2 ta' Marzu, 2016;

22. Illi lanqas kien attendibbli l-Ispettur Jurgen Vella, li xehed dwar il-movimenti tal-appellant u qal li l-appellant kien qieghed jimxi gewwa r-riżerva meta lanqas biss kien mar fuq il-post a tempo vergine. Fil-fatt l-imputat ma kienx qieghed jimxi gewwa r-riżerva imma kien qieghed biss jistrieħ bilqieghda maċ-ċint li jikkostitwixxi l-konfini ta' l-istess, tant hu hekk li sabiex kellmuh il-pulizija kellhom jittawlu minn fuq ic-cint;

23. Illi fil-fatt l-appellant kien kemm il-darba ltaqa' ma' membri tal-iskwadra tal-ALE tal-Pulizija fuq il-post fejn gie avvicinat mill-pulizija fil-kaz odjern izda dawn dejjem qalulu li seta' joqghod f' tali post basta ma jidholx fir-rizerva;

24. Illi min naħa l-oħra huwa evidenti li l-mappa li ġiet preżentata quddiem l-ewwel qorti ma tista' qatt titqies bhala konsistenti f' xi prova preciza, kif del resto hu mistenni u mehtieg fil-kamp penali, ta' fejn kien jinsab precizament l-imputat. Dan ghaliex huwa evidenti *ictu oculi* li l-marka magħmula mill-Prosekuzzjoni fuq l-istess mappa tikkomprendi ghalqa shiha u mhux il-post preciz fejn kien jinsab l-appellant. Wiehed bilfors japprezza l-importanza ta' indikazzjoni cara u preciza tal-post fejn kien jinsab l-appellant fid-dawl tal-kontestazzjoni li hemm fuq il-materja, bl-imputat jishaq li huwa ma qabizx il-konfini tas-Santwarju;

25. Illi madanakollu u minkejja l-verzjonijiet konfliggenti tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza, l-ewwel qorti naqset li tapprezza l-implikazzjonijiet ta' tali kunflitt u minflok adoperat il-massima *in dubio pro reo*, għażlet, anki fid-dawl ukoll tan-nuqqas ta' l-aħjar prova, li tagħddi sabiex issib ħtija;

26. Illi in konklużjoni jingħad, bid-dovut rispett u bl-akbar umilta, li ma hemm l-ebda theddida akbar ghal liberta tal-individwu milli meta l-Istat jipprosegwi bl-azzjoni kriminali fil-konfront tieghu. Għaldaqstant huwa mistenni u mehtieg li meta l-Istat jimmobilizza kontra l-individwu l-poteri ezekuttivi tieghu, dan ghandu jaghmlu b' rispett shih ghal-ligijiet procedurali intizi sabiex jiggarantixxu tarka bazilari ghal l-individwu. Huwa proprju ghalhekk li l-ligi penali tezigi b' mod tassattiv u mhux fakultativ, li l-Prosekuzzjoni ghandha tezebixxi mhux biss xi forma

ta' evidenza, jew evidenza indiretta jew cirkostanzjali, izda l-ahjar evidenza possibbli, u huwa biss jekk din tigi prodotta li l-imputazzjonijiet jistghu jitqiesu pruvati u l-qorti tista' taghddi ghas-sejbien tal-htija. Mill-kumpless tal-provi fil-kaz in dizamina huwa car u manifest li dan ma sarx;

Aggravju Dwar il-Piena

27. Illi b'mod sussidjarju ghall-appell fuq il-mertu, u biss fil-kaz li din l-Onorabbli Qorti ma tħossx li għandha tirrevoka s-sentenza erogata mill-ewwel qorti, l-appellant umilment jissottometti li din l-Onorabbli Qorti għandha tirrevedi l-piena inflitta mill-ewwel qorti stante li hi eccessiva u mhux proporzjonata tenut kont tac-cirkostanzi kollha u partikolari tal-kaz;

28. Illi l-appellant jaf li bħala Qorti reviżjura din l-Onorabbli Qorti ma' tiddisturbax l-apprezzament tal-ewwel Qorti ghal dak li jirrigwarda l-piena sa "fejn din tkun taqa' fil-parametri tal-ligi u sakemm dik il-piena ma tkunx wahda manifestament eccessiva jew ma jkunx hemm ragunijiet serji ohra li minhabba fihom din il-Qorti jkollha tintervjeni billi timmitiga l-piena erogata mill-ewwel Qorti";[6]

29. Illi madankollu jingħad bir-rispett ukoll li meta tiġi biex tingħata piena, kollox jiddependi mill-fattispeci partikolari tal-kaz, mill-parametri tal-piena applikabbli fiz-zmien relevanti, mic-cirkostanzi socjali fi zmien partikolari, kif ukoll mill-esigenzi tal-ordni pubbliku;

30. Illi huwa proprju għalhekk li l-appellant jagħmel umli riferenza għall-enuncjazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali, kif diversament presjeduta, fejn gie rilevat is-segwenti;

"Ma hemmx dubbju li fil-qasam tal-kacca u l-konservazzjon tal-ghasafar hemm il-htiega li tinghata priorita' lill-ghan deterrenti tal-piena peress li f'dan il-qasam il-vjolazzjoni tal-ligi kienet qed issir kwazi abitudinarja dejjem aktar sfaccata u dan fi

[6] *Il-Pulizija (Spettur Bernard Charles Spiteri) v John Muscat,* Qorti tal-Appell Kriminali per S.T.O Prim Imhallef Silvio Camilleri, 17 ta' Ottubru, 2014

zmien meta l-harsien tal-ghasafar qed isir iktar mehtieg u urgenti. **B'danakollu l-gustizzja tirrikjedi li jinzamm bilanc bejn il-fatt inkriminat u l-piena sabiex il-persuna misjuba hatja ma tigix penalizzata f'mizura sproporzjonata minhabba n-nuqqasijiet ta' haddiehor."**[7] (Enfasi mizjuda)

31. Illi huwa bid-dovut rispett sottomess li l-piena applikata mill-ewwel qorti hija ferm sproporzjonata meta wiehed iqis li l-appellant ma spara fuq l-ebda tajra, la protetta u lanqas mhux protetta. Bl-istess mod il-piena hija waħda sproporzjonata meta wieħed iqis li dato ma non concesso li għall-grazzja tal-argument l-appellant seta' dahal ġewwa s-Santwarju, dan daħal biss sa pied jew tnejn oltre il-konfini u ċertament mhux aktar - b'dan il-fatt xorta waħda jibqa' kontestat;

32. Illi l-appellant umilment jissottometti li meta l-ewwel qorti kkalibrat il-piena hija naqset ukoll li tieħu in konsiderazzjoni li r-reati addebitati lill-appellant mhumiex fost l-aktar gravjuri fost ir-reati ravvizati mil-ligijiet appoziti, kif ukoll naqset milli tiehu in konsiderazzjoni l-fatt li l-appellant ikoopera bis-shih mal-Pulizija. Għaldaqstant l-appellant jissottometti bl-akbar rispett li l-piena erogata ma tohloqx il-bilanc u l-proporzjonalita tant mistennija mill-amministrazzjoni tal-gustizja u li "ghandu jkun hemm temperament tal-piena inflitta mill-ewwel Qorti ghal wahda li fil-fehma taghha tkun wahda aktar gusta u adegwata";[8]

Ikkunsidrat,

Quddiem l-Ewwel Qorti gie pprezentat dokument bid-dettalji tal-appellant. Gie ipprezentat ukoll affidavit rilaxxjat minn **PS 305 A Gauci** fejn dan spjega li nhar il-Hadd 6 ta' Setttembru, 2015 ghal habta tas-6.00 dahal rapport fil-control room tal-pulizija fejn kien hemm persuna li xtaq jitkellem mieghu peress li kien duty surgent rigward kacca illegali, li kien hemm zewg persuni li kienu ghal kacca gewwa riserva f'inhawi tac-cimiterju ta' l-Addolorata limiti ta' Rahal Gdid.

---

[7] *Il-Pulizija (Spettur Bernard C. Spiteri) v Nathaniel Agius*, Qorti tal-Appell Kriminali per S.T.O Prim Imhallef Silvio Camilleri, 15 ta' Lulju 2016;
[8] *Il-Pulizija (Spettur Bernard C. Spiteri) v Nathaniel Agius*, Qorti tal-Appell Kriminali per S.T.O Prim Imhallef Silvio Camilleri, 15 ta' Lulju 2016;

Huwa ddikjara li meta mar fuq il-post flimkien ma PC 1209 ghal habta tas-6.30hrs, ftit wara PC 1209 osserva persuna li kien qieghed ghal kacca b'senter li ma kienx fl-ghata u kien ikkargat u dan kien bil qieghda fuq gebla fir-riserva. Irrizulta li dan kien Emanuel Abela. Is-senter tieghu gie ccekjat u rrizulta li kien ta' l-ghamla L/Frankie sn/SA/37738 u kien ikkargat bi tlett skratac u kellu cintorin b'36 skratacc munizzjon. Meta inghata s-soltu twissija wara gie mistoqsi li fejn kien qieghed ghal kacca huwa post ipprojbit (riserva) tal-ghasafar u ma jistax joqghod hemm ghal kacca. Huwa wiegeb li kien jaf li huwa riserva imma qalilhom li jmur hemm ghax ma ghandux post fejn imur ghal kacca. Emanuel Abela gie infurmat li sejrin jittiehu passi kontrih bil-Qorti aktar il-quddiem tali kien qieghed ghal kacca go riserva. Kienu ttiehdu zewg ritratti fejn kien qieghed ghal kacca u mal-affidavit gie mehmuz pjanta[9] ta' fejn kien ghal kacca gewwa riserva (Santwarju ta-Ghasafar f'inhawdi ta' Cimiterju tal-Addoloat, limiti ta' Rahal il-Gdid). Is-senter L/Frankie sn sa/37738 u Cintorin bil-munizzjon 36 skartocc kienu gew elevati u inharget ircevut numru 2836.

Gie prezentat dokument intitolat 'NP-PCR Person Details' bid-dettali tal-appellant kif ukoll rapport tal-pulizija fejn tnizzel:

*'Il-lum il-Hadd 6 ta' Septembru sena 2015 ghal-habta ta 6.00hrs dahal rapport il-Control Roomm li kien hemm persuni ghal-kacca gewwa riserrva ta L-Adolorata b'hekk minn naha taghna morna mill l-ewwel.*

*PC 804 u PC. 633 marru minn naha ta fejn hemm l-isqaq u PS 305 u PC.1209 dhalna minn naha ta Cimiterju fuq wara ghal-habta ta 6:30hrs fejn ikun hemm tal-Fjuri kif dhalna go l-isqaq osservajna persuna li kien qieghed ghal-kacca b'senter mhux f'ghata u li kien qieghed go riserva meta dan gie mitlub jaghtina il-partikulajiet tieghu irrizulta li kien certu Emanuel Abela detentur tal-kartra ta identita numru 505068 (M) u meta gie iccekjat is-senter ta l-ghamla L/Frankie sn/SA/37738 irrizulta li kien ikkargat b'Tlett skratacc.*

*Meta Emanuel gie mistoqsi jekk kienx jaf li fejn qieghed ghal-kacca huwa riserva post projbit ghal-kacca dan wiegeb li kien jaf li post huwa riserva.*

---

[9] Li din il-Qorti tifhem li tinsab a fol 8

*B'hekk senter L/frankie sn SA/37738 u cintorin li kellu 36 skartocc gew elevati u inharget ircevuta numru 0002836 u wara Emmanuel Abela gie nfurmat li sejrin jitiehdu passi kontrih bil-qorti aktar il-quddiem wara tkompliet ir-ronda aktar l-isfel fil-wied izda ma gie osservat hadd li kien ghal-kacca.*

*Senter u Cintorin tpoggew gewwa QMS bhala safe keeping Referenza - 127/15*[10]*'*

A fol 8 giet ipprezentata pjanta filwaqt li zewg ritratti gew esebiti a fol 9 u 10.

**PC 1209 E. Grima** irilaxxja affidavit u kkonferma li nhar il-Hadd 6 ta' Settembru, 2015 ghal habta tas-6.00 waqt li kien xoghol flimkien ma PS 305 ircevew rapport li fl-inhawi tac-cimiterju tal-Addolorata kien hemm xi persuni ghal kacca fir-riserva. Dak il-hin stess marru fejn kellhom rapport u hemmhekk osservaw persuna li kienet qieghda ghal kacca go ghalqa li tigi fir-riserva. Huma avvicinaw lil din il-persuna li kienet Emanuel Abela u dan kien ghal kacca b'senter tat-tip Luigi Franchi Ser No.SA 37738 kif ukoll b'cintorin b'36 skratac. Emanuel Abela gie mitkellem u x'hin gie mistoqsi ghaliex kien ghal kacca go riseva Emanuel stqarr li din kienet l-ghalqa tieghu u li kienet fejn tibda r-riserva u gibdulu l-attenzjoni li xorta jibqa' fatt li kien go riserva u xorta ma setax jidhol hemm. Dak il-hin stess kemm is-senter kif ukoll c-cinturin bl-iskratac gew elevati u inharget ricevuta bin-numru 2836 li ffirma Emanuel Abela u wara gie avzat li kien ser jitressaq il-Qorti talli kien ikkaccja gewwa riserva.
A fol 11 giet ipprezentata l-ircevuta tal-oggetti li gew elevati. A 16 giet ipprezentata l-licenza tal-armi ta' Manuel Abela filwaqt li a fol 18 giet ipprezentata l-fedina penali tal-appellant.

Quddiem l-Ewwel Qorti kien xehed l-Ispettur Jurgen Vella fis-seduta tat- 12)ta' Ottubru 2016 izda stante li din ix-xhieda ma kinitx traskritta, l-**Ispettur Jurgen Vella** xehed quddiem din il-Qorti nhar it- 30 ta' April 2019)

Huwa spjega li kien stazzjonat bhala Spettur gewwa t-taqsima tal-ALE dak iz-zmien. Xehed li xi nies minn tieghu kienu qed jaghmlu xi spezzjoni gewwa l-post fejn hemm ic-cimiterju tal-addolorata minhabba li kellhom xi rapport li kien hemm xi attivita ta' kacca li kienet ghaddejja dak il-hin fejn l-Addolorata. Spjega li l-Addolorata hija

[10] Kopja ohra tar-rapport tal-Pulizija giet ipprezentata a fol 14 et sequitur, fejn a fol 15 in-numru ta' referenza ta' fejn inzammu s-senter u c-cintorin tnizzel bhala '127'

skedata bhala riserva naturali u ghalhekk ma setghax isir kacca fiha. Kienu marru fuq il-post PS 305 flimkien ma kuntistabbli 804 u kienu sabu lill-appellant fuq il-post. Kienu sabuh vicin l-Addolorata, kien hemm sqaq. Spjega li l-post qieghed kif tidhol int u sejjer minn wara minn naha ta' Santa Lucia diehel ghac-cimiterju fuq l-lemin hemm sqaq u s-sinjur kien ezatt taht il-hajt tal-isqaq skont ma gie rrapurat. Pero' wara li kienu nfurmawh u qalulu li jinsab go riserva dak iz-zmien a tempo vergine kien qal minghajr ma' kien mistoqsi jew issikat li '*hu kien aware li jinstab ġo riserva.*' Sussegwentement kien talab biex ikellmu fejn kien gie l-ufficju tieghu wara dan l-incident u kien mar mieghu biex jisjegalu l-parametri fejn taqa' r-riserva u kienu marru jkejlu. Kienu hadu wkoll pjanta fejn tindika r-riserva, jekk mhux sejjer zball esebita fl-atti ghalkemm din tohrog ukoll mil-ligi dak iz-zmien 504.71 u lum 549 izda nesa n-numru tal-ligi sussidjarja u kien spjegalu li fejn kien hu kien ezatt fejn tispicca r-riserva naturali fejn ma setghax issir kacca. Dakinhar kien qallu wkoll li din kienet l-unika ghalqa li ghandu u kien ukoll qed jissuspetta li kienu xi qraba tieghu li kellu xi dizgwit maghhom li setghu rrapurtaw li kien qieghed iwettaq l-attivita' tal-kacca hemm hekk. Sussegwentement kien hareg l-akkuzi u kien ser iressqu l-Qorti fuq dan il-kaz.

Xehed li ghal bidu kien qed jinnega li ken fir-riserva pero' mbaghad meta baqa' jinsisti ix-xhud hadlu l-pjanta u kien gie wkoll is-Surgent 305 biex jghidlu ezatt fejn kien sabu u fil-post fejn kien instab u fejn is-Sur Abela mbaghad ikkonferma ma' PS 305 fil-prezenza tieghu fejn kien verament instab imbghad indikawlu fil-pjanta u ovvjament il-pjanta kienet cara, l-isqaq hareg fejn kien dan l-isqaq fejn qed isemmi u l-post kien ezattament fejn jaqa' fir-riserva li qed jaghmel accenn ghaliha.

L-Ispettur Jurgen Vella ikkonferma li jinsab f'ittra X fuq il-pjanta u il-konfini tal-isqaq jidhirlu li qieghed il-marka s-sewda fejn jindika li mill-parametri fejn hemm immarkat iswed il-gewwa huwa riserva u n-naha l-ohra ma jaqax taht ir-riserva, pero' l-marka X hija l-marka fejn instab l-appellant u dan kien ikkonferma ukoll fil-prezenza tax-xhud s-surgent 305. Dik il-pjanta tohrog mill-ligi izda kien esebiha.

Ikkonferma li r-ritratti hadhom hu, hadhom mill-isqaq indikat ghal fuq gewwa tal-ghalqa fejn jinstab l-appellant. L-isqaq jigi ezatt fil-parametru tar-riserva li mmarkat a fol 8. Huwa kien hadhom wara ghax ma marx mill-ewwel hemm. Mar meta s-Sur Abela beda jinnega li kien qieghed go r-riserva. Imbghad kien mar mieghu ghax kien ghamel appuntament biex ikellmu.Kienu marru flimkien kif ukoll is-Surgent 305 fejn spjegalu fejn sabu u flimkien ghadu jaraw illi effettivament il-post fejn instab kien jinstab gewwa r-riserva tal-Addolorata. Meta ttiehdu r-ritratti, kien hadhom hu pero kien hemm s-Surgent 305 u jekk mhux sejjer zball PC804 kif ukoll l-imputat.

In kontro-ezami xehed li ghal bidu l-imputat qal li kien f'certu pozizzjoni fejn jista' jkun pero meta kien ikkonfrontah mas-surgent 305, u qallu quddiemu jigifieri li hu ma kienx qieghed mal-hajt kif qal u qieghed jghid issa pero' kien qieghed iktar lejn in-naha ta' gewwa tal-ghalqa mbaghad is-sur Abela kien irrikonoxxa qabel illi fil-verita s-surgent ma kienx sabu ezattament taht il-hajt imma kif indika s-surgent. Dan il-konfront kien sar quddiemi u wara lis-surgent indika l-post ezattament fejn kien instab, ix-xhud kien urih l-mappa lill-appellant u indikalu dak effettivament kien qieghed jinsab fir-riserva.

Mistoqsi dwar kif l-affidavit tas-surgent u l-pulizija wiehed jghid li kien fuq gebla u wiehed qal fl-ghalqa, wiegeb li jekk hemm gebla u wiehed qal fuq gebla u wiehed qal fl-ghalqa, il-gebla gol-ghalqa tinstab. Xehed li dik il-bicca tal-hajt fejn allega l-ewwel l-imputat l-appellant, meta s-surgent fil-prezenza tieghu qallu li mhux veru li jinsab hemm hekk is-surgent hadu fuq il-post u mar mieghu u dahlu fuq gewwa tal-ghalqa fejn indikalu s-surgent. Il-verita kien hawn hekk li sabu f'nofs l-ghalqa jew x'imkien li zgur mhuwiex fejn indika l-imputat jigifieri li mhux in-naha tal-isqaq.

Ikkonferma li mar xi sebat' (7) ijiem wara li gara dan l-incident u dan peress li baqa jinsisti li hu ma kienx go riserva u ghalhekk kien bghat ghalih, kien kellmu u kien qallu biex imorru fuq il-post flimkien halli jindika fejn kien hu. Ix-xhud qatt ma qal li kien ra fejn kien dakinhar l-imputat izda li ha is-surgent mieghu dak li kien ra fejn verament kien l-imputat. Ma jafx jekk l-affidavit inkitibx qabel jew wara il-laqgha izda hemm it-timbru tieghu. Mhemmx regola ta' meta ghandu jinkiteb l-affidavit izda aktar ma tiktbu qabel aktar il-memorja tkun ghadha friska.

Xehed li l-mappa hemm certu features illi meta tmur fuq il-post facilment tista' tirrikonoxxihom u allura facilment tkun tista' tigbed il-linja fejn qeghda r-riserva u fejn mhijiex u qal ukoll li l-pulzija kienu mxew hemm hekk fuq rapport li efettivament kien jinsab fir-riserva jigifieri dan il-konfini huwa ben saput mill-persuni li jiffrekwentaw il-post. Mistoqsi '*Hawn hekk qed naqblu li hawn hekk qeghdin fuq konfini ta' gewwa jew barra hux veru?*' wiegeb '*Hekk hu hekk hu.*' Mistoqsi '*Jigifieri kwistjoni ta' inches qed nitkellmu.*' Wiegeb '*Fejn qed jallega l-imputat li kien iva pero' l-ġewwa mill-għalqa ma hemmx kwistjoni ta' inches, hemm kwistjoni ta' metri .*' Xehed li '*Jekk huwa mall-ħajt xorta jinsab ... imma kwistjoni ta' inches.*'

Xehed li '*Jiena ħadt ir-ritratti tal-ħajt fejn qal illi jinstab pero' mbagħad ħadt ir-ritratt tal-għalqa fejn eventwalment fil-verita meta sar il-konfront is-sur Abela hu stess qal iva kont ninstab hemm hekk wara li ġie kkonfrontat ...*'

Rat il-fedina penali tal-appellant esebita fl-atti.

Semghet lill-avukati difensuri jittrattaw dan l-appell u dan fis-seduta tat-30 ta' April 2019.

Ikkunsidrat;

Illi in breve, il-fatti huma s-segwenti:

1. Illi fis-sitta (6) ta' Settembru tas-sena elfejn u hmistax (2015) ufficjali tal-Korp tal-Pulizija stazzjonati l-Administrative Law Enforcement (ALE) ircevew rapport li persuni kienu qeghdin ghal kacca gewwa riserva fl-inhawi ta' Cimiterju tal-Addolorata limiti ta' Rahal il-Gdid;

2. Meta PS.305 u PC.1209 marru fuq il-post, huma lemhu lill-appellant li skonthom kien jinsab ghal kacca fir-riserva[11];

[11] Ir-rapport tal-Pulizija a fol 15 jiprovdi ukoll li '*PC.804 u PC. 633 marru minn naha ta fejn hemmm l-isqaq u PS.305 u PC.1209 dhalna minn naha ta' cimiterju fuq wara...*'

3. L-appellant instab b'senter ikkargat kif ukoll b'cintorin 36 skratacc munizzjon;

4. Jiem wara, l-appellant kien gie anke mitkellem mill-Ispettur Jurgen Vella li ghalkemm ma kienx prezenti a tempo vergine, huwa mar fuq il-post mal-appellant sabiex jigi stabbilit jekk l-appellant instabx fir-riserva;

5. Illi stante li skont il-prosekuzzjoni, l-appellant kien jinsab fir-riserva, kellhom jinhargu l-imputazzjonijiet fil-konfront tal-appellant;

Fl-ewwel lok, ghalkemm l-appellant ma ressaq l-ebda aggravju dwar dan, jirrizulta li fil-parti dispositTiva tas-sentenza appellata, l-Ewwel Qorti meta ghaddiet biex issib htija rat '*ir-Rgaolamenti 17, 24(a) u 24(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*' meta jirrizulta li l-akkuzi migjuba kontra l-appellant kienu dawk taht il-legislazzjoni sussidjarja 504.71 u mhux taht il-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. In oltre jirrizulta ukoll li ghalkemm l-Ewwel Qorti sabet lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, il-Qorti ma ccitatx l-artikoli kollha li jikkontemplaw il-htija, u cioe' minkejja li kien anke instab hati tat-tielet (3) imputazzjoni li taqra '*Akkuzat ukoll talli talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bhala pussessur ta' licenzja taht l-artikolu 27(1) tal-Kap 480 inqast li thares il-kundizzjonijiet imsemmija f'dik il-licenza.*' Il-Qorti naqset milli tindika l-artikolu 27(1) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta jew artikolu iehor li jikkontempla dak ir-reat. Din il-Qorti sejra ghalhekk tikkunsidra jekk dawn l-izbalji iwasslux ghan-nullita' tas-sentenza.

L-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra:

'*Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u* ***<u>ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat</u>'***. (Emfazi mizjuda);

Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija (Spettur AP Miruzzi) vs Stefan Abela'</u>**[12] gie kkunsidrat li:

[12] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-2 ta' Frar, 2006 (Appell Kriminali numru: 336/2005)

*'osservat mill-ezami tas-sentenza appellata li l-Ewwel Qorti , minkejja lil-appellant kien qed jigi akkuzat u instab hati ta' diversi reati li jaqghu taht ligijiet diversi w senjatament il-Kap. 66 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll taht ir-Regolamenti li jaqghu taht l- Avviz Legali 146/1993, meta giet biex ticcita l-artikoli tal-ligi li jkunu jikkontemplaw r-reati li taghhom l- appellant kien instab hati, ndikat biss b' mod generiku dan l-Avviz Legali u f' kaz wiehed biss indikat regolament (mhux artikolu kif intqal erronjament fis-sentenza) partikolari tal-istess regolamenti kontenuti fl-imsemmi Avviz Legali.*

*Ikkonsidrat;*

*Li skond l-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tal-Magistrati, meta taghti s-sentenza kontra l- imputat, ghandha tghid l-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-<u>piena w ssemmi l-artikolu tal- Kodici Kriminali jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat</u>;*

*Illi skond gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti n- nuqqas li jsir dan jimporta n-nullita' tas-sentenza appellata. Dan ghaliex dan-nuqqas jammonta ghal nuqqas ta' formalita' sostanzjali fis-sens tal-artikolu 428 (3) tal-Kodici Kriminali.'*

Illi kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija (Spettur Carmelo Bartolo) vs Stephen Bonsfield</u>**[13]:

*'l-aggravju tal-appellant dwar in-nullita' tas-sentenza ghandu jigi akkolt mhux biss ghaliex l- Ewwel Qorti naqset li ssemmi l-fatti li taghhom l- appellant instab hati, imma ukoll ghaliex, kif irriskontrat din il-Qorti "ex officio", fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti ccitat artikoli li mhux biss ma gewx indikati lilha mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu, imma artikoli li jew huma inezistenti jew manifestament zbaljati.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija (Spt R. Vella) Vs Dennis Farrugia Omissis'[14]</u>** gie kkunsidrat li:

*'Skond l-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tal-Magistrati, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid l-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena <u>w ssemmi l-artikolu tal-Kodici Kriminali jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat</u>;*

[13] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-27 ta' April, 2006 (Appell numru: 327/2005)
[14] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-30 ta' April, 2009 (Appell Kriminali Numru: 85/2009)

*Illi skond gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti n-nuqqas li jigi rispettat strettament il-vot tal-ligi fl-artikolu 382 jimporta n-nullita' tas-sentenza appellata. Dan ghaliex dan-nuqqas jammonta ghal nuqqas ta' formalita' sostanzjali fis-sens tal-artikolu 428 (3) tal-Kodici Kriminali.'*

Kif gie kkunsidrat ukoll fis-sentenza fl-ismijiet: **'Il-Pulizija (Spettur Kevin Borg) vs Edward Chatlani'**[15]:

'*Hawn pero' din il-Qorti tirrileva li b' lapsus evidenti, l- Ewwel Qorti, fis-sentenza appellata, meta kienet qed telenka l-artikoli li tahthom sabet htija, ghamlet riferenza ghall-artikolu 288 (B), li ma jezistix fil-Kodici Kriminali, minnflok ghall-artikolu 298B li kien gie indikat lilha fic-citazzjoni mill-Prosekuzzjoni.*

*Dan l-izball jirrendi s-sentenza nulla ghall-inqas f' din il-parti taghha ghaliex, kif dejjem gie ritenut skond l- artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tal- Magistrati, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid l-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena w ssemmi l-artikolu tal-Kodici Kriminali jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r- reat; (App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Daniel Lanzon**"[16] u ohrajn)* (Emfazi mizjuda u data tas-sentenza kif citata tinstab aktar l-isfel fin-noti ta' qiegh il-pagna)

L-istess Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Kevin Borg) vs Edward Chatlani'**[17] ikkunsidrat ukoll:

'*Illi gie ukoll ritenut li l-indikazzjoni tal-artikolu hazin jew addirittura l-indikazzjoni tal-ligi skorretta hu ekwiparat ma n-nuqqas ta' citazzjoni tal-artikolu tal- ligi li tahtu tkun instabet htija. (ara "**Il-Pulizija vs. Mario Agius**"[18] u ohrajn)* (Emfazi mizjuda u data tas-sentenza citata tinstab aktar l-isfel fin-noti ta' qiegh il-pagna).

Il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spt. J. Mifsud) (Spt. A. Portelli) vs Christopher Scerri'**[19] ikkunsidrat:

'*Illi jikkoncedi x' jikkoncedi l-appellant dwar l-izball li ttiehed mill-Ewwel Qorti meta giet biex ticcita l-artikolu tal-ligi li tahtu kienet qed issib htija, huwa fatt li l-Ewwel Qorti*

[15] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-4 ta' Awissu, 2006 (Appell Kriminali numru: 97/2006)
[16] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-20 ta' Ottubru, 2005
[17] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-4 ta' Awissu, 2006 (Appell Kriminali numru: 97/2006)
[18] Deciza nhar it-3 ta' Frar, 1995
[19] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-1 ta' Novembru, 2007 (Appell Kriminali numru: 322/2007)

*erronjament iccitat artikolu ta' Kapitolu tal-Ligijiet ta' Malta hazin ghax minnflok iccitat il-Kapitolu 9, cioe' l-Kodici Kriminali, ccitat il-Kapitolu 12 u cioe' l-Kodici tal-Organizzazzjoni w Procedura Civili.*

*Illi dan skond gurisprudena ormai stabilita jgib in-nullita' tas-sentenza appellata w ghalkemm ma hemm ebda aggravju dwar dan fir-rikors tal-appell, din il-Qorti "ex officio" ma tistax thalli dan l-izball ghaddej qiesu ma kien xejn u - tikkonferma, tvarja jew tirrevoka sentenza appellata li tkun nulla ghax ticcita Kapitolu tal-ligi zbaljat bi ksur ta' dak li jiddisponi l-artikolu 382 tal-Kap. 9. Dan l-izball jammonta ghal nuqqas ta' formalita' sostanzjali li jwassal ghan-nullita' tas-sentenza appellata w l-Qorti tal- Appell ghandha tannulla w thassar dik is-sentenza w tisma l-kawza mill-gdid fil-mertu. (Ara App. Krim.* ***"Il-Pulizija vs. Joseph Muscat"***[20] *,* ***"Il-Pulizija vs. Anthony Zahra "***[21]*;* ***"Il-Pulizija vs. Charles Micallef"***[22] *u ohrajn.)* (Emfażi miżjuda u dettalji tas-sentenżi ċitati jinsabu aktar l-isfel fin-noti ta' qiegħ il-paġna)

Ikkunsidrat;

Ghalhekk jirrizulta kjarament li l-izbalji imqajjma *ex officio* minn din il-Qorti irendu s-sentenza tal-Ewwel Qorti nulla stante li kif hawn fuq ikkunsidrat jirrizulta li l-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma giex irrispettat. La darba l-Ewwel Qorti erronjament indikat il-Kapitolu 9 minflokk il-ligi li tikkontempla r-reati li taghhom l-appellant instab hati u naqset ukoll milli tindika l-artikoli kollha li jikkontemplaw ir-reati li taghhom instab hati, dan iwassal ghan-nullita tas-sentenza appellata.

Din il-Qorti qieghda ghalhekk filwaqt li thassar u tannulla s-sentenza appellata, tghaddi sabiex tiddeciedi l-kawza fil-mertu, bl-aggravji tal-appellant jigu kkunsidrati bhala d-difiza tal-appellant.

Ikkunsidrat;

[20] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-10 ta' Gunju, 1994
[21] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-26 ta' Mejju, 1994
[22] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-23 ta' Gunju, 1995

Illi skont l-appellant, qatt ma tista' tinstab htija mhux biss abbazi tal-apprezzament tal-provi izda anke stante li ma gewx segwiti r-regoli procedurali dwar il-produzzjoni tal-ahjar prova.

Illi skont l-appellant kemm mill-affidavits ta' PS 305 u ta' PC 1209 prezentanti quddiem l-Ewwel Qorti, kif ukoll mix-xhieda viva voce tal-Ispettur Jurgen Vella, johrog car li l-kaz kollu beda mir-rapport maghmul minn xhud okulari, ossia ta' terz injot ghall-appellant. L-appellant jaghmel referenza ghax-xhieda tal-Ispettur Jurgen Vella li stqarr li l-pulizija marru fuq il-post fuq telefonata maghmula minn dan it-terz injot, terz li baqa' in kommunikazzjoni mal-pulizija sabiex jindika precizament fejn kien jinsab l-appellant, u dan sakemm il-puulizija ghamlet kuntatt dirett mal-istess appellant.

Illi skont l-appellant minkejja li tali terz kien xhud okulari u minkejja li kien il-persuna li osserva l-moviment tal-appellant waqt li kien allegatament qieghed ghall-kacca gewwa s-Santwarju, tant li kien hu li ghamel ir-rapport, din il-persuna ma tressqitx bhala xhud mill-Prosekuzzjoni quddiem l-Ewwel Qorti. Minflokk, il-prosekuzzjoni ghazlet li tistrieh fuq l-affidavits tal-pulizija PS 305 u ta' PC 1209, liema pulizija kienu biss xhieda okulari sekondarji, li irriskontraw lill-appellant mhux waqt li kien fis-Santwarju msemmi izda meta kien barra il-konfini tal-istess. In oltre, dak li xehed l-Ispettur Jurgen Vella ma jistax jinghata piz probatorju stante li ma kienx prezenti fuq il-post izda mar hemm biss sussegwentement u ghalhekk seta' biss jixhed fuq dak irrapurtat lilu;

L-appellant issottometta li bin-nuqqas tal-prosekuzzjoni li ttella lil persuna li allegatament rat lill-appellant ghall-kacca gewwa s-Santwarju, xhud importanti, xhud okulari li allegatament ra r-reat isehh *in flagrante delicto*, hija naqset milli tossodisfa l-vot tal-ligi tal-procedura kriminali li tirrikjedi b'mod tassattiv li l-prosekuzzjoni ttella l-ahjar prova ghad-disposzjoni taghha. Jissottometti li ghalkemm l-evidenza indiretta u cirkostanzjali tista' u ghandha titqies bhala prova fejn din tkun univoka u inekwivoka, il-ligi procedurali penali trid li din it-tip ta' evidenza ma ghandhiex tinghata supremazija jew preferenza fuq l-ahjar evidenza ghad-dispozizzjoni tal-prosekuzzjoni.

L-appellant jaghmel referenza ghar-regola li tohrog mill-artiklu 559 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jaqra '*Il-qorti għandha fil-każijiet kollha tordna li ssirilha l-aħjar prova li l-parti tista' ġġib*', li huwa rez applikabbli ghal proceduri kriminali permezz tal-artikolu 520(1)(d) tal-Kodici Kriminali. In oltre', l-appellant jaghmel referenza ghall-atikolu 638(1) tal-Kodici Kriminali li jaqra:

'*Bħala regola, għandu jitqies li tinġieb il-prova l-aktar sħiħa u sodisfaċenti illi l-każ ikun jagħti, u li ma jitħalla barra ebda xhud li x-xiehda tiegħu tkun importanti.*'

Ghalhekk skont l-appellant ma giex sodisfatt il-principju kardinali tal-kamp kriminali li sabiex ikun hemm sejbien ta' htija jehtieg li-Prosekuzzjoni iggib u tipprezenta l-aqwa prova li jkollha fil-pussess taghha u li tipprezenta kull prova, kemm favur u kemm kontra. L-appellant ghamel referenza ghal kazistika rigwardanti dan u ghal fatt li certa evidenza ta' natura sekondarja ma tkunx tista' taghmel tajjeb u tissostitwixxi n-nuqqas li tigi prodotta l-ahjar evidenza. Ghalhekk l-appellant jissottometti li x-xhieda permezz tal-affidavit ta' PC 305 u PS 1209 la hi univoka u konkludenti u lanqas ix-xhieda tal-Ispettur Jurgen Vella li tikkostitwixxi biss hearsay. Jissottometti li l-Pulizija sabet lill-appellant barra s-Santwarju u mhux gewwa.

In oltre, l-appellant jissottometti ukoll li l-affidavits tal-Pulizija huma afflitti minn kunflitt li jinpingi fuq il-krediblita u l-attendibilita taghhom. Jaghmel referenza al mappa li gietipprezentata li skontu ma tista' qatt titqies bhala konsistent f'xi prova preciza.

Ikkunsidrat;

Illi din il-Qorti sejra tibda biex fl-ewwel lok temfasizza r-regoli procedurali applikabbli ghal proceduri penali li abbazi taghhom il-Qrati iridu jistriehu sabiex tinstab htija. Kif tajjeb issottometta l-appellant fl-appell tieghu, il-Prosekuzzjoni jehtieg li tressaq l-ahjar prova, filwaqt li ghandha tressaq kull prova kemm favur kif ukoll kontra. Dwar il-principju tal-ahjar prova, din il-Qorti taghmel referenza ghas-

sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Josric Mifsud) vs Joseph Muscat (I.D.265257M)'**[23] fejn gie kkunsidrat li:

*'Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-*

*"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

*Jinghad f'dan l-istadju li l-imputat mhux tenut li jressaq l-ebda prova sabiex jipprova l-innocenza tieghu, izda hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha sal-grad li trid il-ligi u cioe' beyond reasonable doubt.*

*Huwa principju baziku ppratikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li biex l-akkuzat jigi ddikjarat hati, l-akkuzi dedotti, ghandhom jigu ppruvati oltre kull dubju ragjonevoli, cioe' oltre kull dubju dettat mir-raguni.*

*Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal- Appell Kriminali nhar is-sebgha (7) ta' Settembru, 1994 fl-ismijiet '**Il-Pulizija v Philip Zammit et'** u tghid pero' mhux kull l-icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li 'dubju jkun dak dettat mir-raguni.' Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa (5) ta' Dicembru, 1997 fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Peter Ebejer**', dik il-Qorti fakkret li l- grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id- dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz '**Miller vs Minister of Pension**' - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt.'*

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of*

[23] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar il-11 ta' April, 2017 (Kump Nru: 455/13)

*justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

*Huwa mportanti wkoll li l-Qorti tfakkar lill-partijiet dwar x'jikkostitwixxu provi ndizzjarji. Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-disgha (9) ta' Gunju, 1998 fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Daeowood Sayed Dawood Abd el Kaader' hemm referenza ghal dak li qal Lord Normand fil-kawza fl-ismijiet '**Teper v The Queen**' [1952] AC 480, 489.*

*"It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there are no (sottolinear ta' din il-Qorti) other co-existing circumstances which would weaken or destroy the inference."*

*Ghalhekk kif intqal fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il- hamsa (5) ta' Ottubru, 1998 fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija v Joseph Gauci et**', li:*

*"Circumstantial evidence is often the best. It is evidence of surrounding circumstances which by undersigned coincidence is capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics."*

*Bhala konkluzjoni dwar x'inhu l-ahjar prova, il-Qorti tissottolinea li huwa ben saput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u ndividwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi ndividwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe' li tezamina bir- reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.*

*Din il-Qorti fortunatament qieghda f'posizzjoni vantaggjuza meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda u dan ghaliex ghalkemm il-process ma kienx quddiemha minn dejjem, kienet hi li ghexet il-process u semghet ix-xhieda kollha tul medda ta' zmien u cioe' tisma' viva voce l-provi kollha u ghalhekk setghet tikkontrolla l-kredibilita' u veracita' tax-xhieda prodotti quddiemha specjalment dawk li xehdu in kontro-ezami.'*

Illi sabiex tinstab htija fil-kamp penali, ma hemmx il-htiega li l-provi jkunu dawk diretti izda l-prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha fuq bazi ta' minghajr dubju dettat mir-raguni. Ghalhekk provi indizzjarji li huma univoci u li jwassalu ghal konluzjoni wahda biss u cioe' il-htija huma ukoll accettati. Din il-Qorti izda temfasizza li jekk il-prova tista' twassal ghal aktar minn konkluzjoni wahda u cioe' mhux necessarjament twassal ghal htija u ghalhekk il-Qorta tibqa' f'salib it-toroq, tali prova ma tkunx sodisfacenti fil-kamp kriminali. Dwar dan, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet '**<u>Il-Pulizija (Spettur Robert Vella) (Spettur Ramon Mercieca) Vs Omissis, Kenneth Borg'</u>**[24] fejn gie kkunsidrat:

*'12. Illi dawn id-divergenzi kollha qatt ma setghu iwasslu ghall- konkluzzjoni li kien hemm ftehim komuni bejn Caruana u l- appellant sabiex issir din is-serqa. L-ewwel Qorti sabet li kien hemm prova wahda diretta konsistenti filli Caruana ghaddiet ic-curkett lill- appellant. Dan wahdu ma ghandux ikun kondicenti ghal sejbien ta' htija tant illi l-Qorti strahet fuq il-provi indizzjarji. Opportunement ikun mfakkar izda illi l-provi indizzjarji jew hekk imsejjha cirkostanzjali huma biss ta' siwi meta jkunu univoci u jippuntaw f'direzzjoni wahda. Fil-kaz odjern, dawn l-indizzji huma karenti minn din il-kwalita u konsegwentement ma thossx, din il-Qorti, li setghet ragjonevolment u legalment tinstab htija fl-appellant mill- Qorti tal-ewwel grad;'*

Filwaqt li fis-sentenza fl-ismijiet '**<u>Il-Pulizija Spettur Neil Harrison Vs Simeon Nicholas Sultana'</u>**[25] gie kkunsidrat:

*'Illi in vena legali l-Qorti tosserva li sabiex il-prova indizzjarja twassal ghas-sejbien ta' hitja, trid tkun **cara u univoka** fis-sens li twassal **necessarjament,** u f'kuntest ta' dak li hu **ragjonevoli**, ghall-htija tal-imputat. Fi kliem iehor, l-elementi ta' prova kostitwenti l- prova indizzjarja jridu jkunu bazati fuq **cirkostanzi provati li, interpretati b' mod ragjonevoli, <u>ma jistghux iwasslu ghal konkluzjoni ohra</u> ghajr dik tas-sejbien ta' htija**. Multo magis meta din tkun l-unika prova li fuqha l-prosekuzjoni qeda isserrah il- kaz taghha. F' kaz li l-elementi ta' prova jistghu ragjonevolment jwasslu ghal konkluzjoni li ma tkunx is-sebien ta' htija, allura ghandha tapplika l-massima 'in dubbio pro reo' u cioe' li dan id-dubbju ragjonevoli ghandu jmur favur l-imputat.'*

[24] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-27 ta' Marzu, 2017 (Appell Numru: 337/2014)
[25] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-1 ta' Novembru, 2001

Stabbiliti dawn il-principji, din il-Qorti sejra tghaddi biex tikkunsidra l-provi mressqa mill-prosekuzzjoni u tikkunsidra jekk dawn iwasslux ghas-sejbien ta' htija. Il-Prosekuzzjoni ressqet zewg affidavits ta' zewg ufficjali tal-Administrative Law Enforcement u cioe' PS305 A. Gauci u PC1209 E. Grima li jirrizultaw li marru fuq il-post wara li dahal rapport dwar persuni li kienu qeghdin jikkacjaw gewwa riserva fl-inhawi tac-Cimiterju tal-Addolorata. l-Ispettur Jurgen Vella xehed viva voce u ghalkemm ma marx fuq il-post meta il-Pulizija sabu lill-appellant fuq il-post, huwa mar sussegwentement flimkien mal-appellant. Skont ma jirrizulta mir-rapport tal-Pulizija, PC 804 u PC.663 marru minn naha ta' fejn hemm l-isqq filwaqt li PS.305 u PC.1209 dahlu minn naha tac-Cimiterju fuq wara. Jirrizulta li ghalkemm PC 804 u PC.663 jissemmew fir-rapport tal-Pulizija filwaqt li PC 804 jissemma ukoll fix-xhieda tal-Ispettur Jurgen Vella, kemm PC.804 u anke PC.633 baqghu ma xehdux. Ghalhekk din il-Qorti tista' tistrieh biss fuq dak li ddikjaraw PS.305 u PC.1209 permezz tal-affidavit taghhom u ghal dak li xehed l-Ispettur Jurgen Vella, limitatament bhala dawk li raw huma personalment. L-appellant kif kellu kull dritt li jaghmel ghazel li ma jixhidx.

Kemm PS 305 A. Gauci kif ukoll PC1209 E. Grima jikkonfermaw li fis-sitta (6) ta' Settembru tas-sena elfejn u hmistax (2015) ghal habta ta' 6:00hrs kien dahal rapport gewwa control room tal-Pulizija fejn persuna irraporta dwar kacca illegali, u cioe li kien hemm persuni li kienu ghal kacca gewwa riserva f'inhawi ta' Cimiterju tal-Addolorata, limiti ta' Rahal il-Gdid. PS305 A. Gauci fl-affidavit tieghu jghid li gie rapportat li kien hemm zewg (2) persuni ghal kacca filwaqt li kemm fl-affidavit ta' PC129 E. Grima kif ukoll fil-Current Incident Report gie ddikjarat li r-rapport kien li hemm xi persuni ghal kacca gol-riserva.

Din il-persuna li rraportat, baqghet qatt ma tressqet quddiem l-Ewwel Qorti biex tixhed u ghalhekk kif gia kkunsidrat il-Qorti tista' tiddeciedi biss abbazi ta' dak li dawn iz-zewg ufficjali tal-Pulizija sabu meta marru fuq il-post u anke abbazi ta' dak li l-Ispettur Jurgen Vella ikkonstata fil-prezenza tal-appellant. Din il-Qorti ghalhekk taghmilha cara li ma jfissirx li ghax il-persuna li rraportat ma ttellatx tixhed, ifisser li

l-prosekuzzjoni ma ressqitx l-ahjar prova jew li prova ohra ma humiex accettabbli bhal kif bhal donnu l-appellant irid jargument fl-appell tieghu. Filwaqt li din il-Qorti sejra tiskarta dak kollu li setgha gie rraportat minn dan it-terz, hija trid toqghod fuq dak li tressaq quddiem il-Qorti u cioe' ta' dak li l-Pulizija u l-Ispettur ghexu u mhux dak li gie rraportat lilhom u tiddermina jekk abbazi tal-provi prodotti gewx ippruvati l-imputazzjonijiet fil-grad mehtieg mill-ligi.

Ikkunsidrat;

Illi l-ewwel fatt li jrid jigi determinat huwa jekk giex ippruvat minghajr dubju dettat mir-raguni jekk l-appellant instabx fir-riserva meta l-Pulizija marru fuq il-post. PS 305 A. Gauci permezz tal-affidavit tieghu iddikjara li '*Meta jien PS.305 u PC.1209 wasalna fuq il-post indikat lilna ghal-habta ta 6:30hrs ftit wara PC.1209 osserva persuna li kien qieghed ghal-kacca b'senter li ma kienx f'ghata u kien ikkargat <u>li kien gewwa riserva bil-qeghda fuq gebla</u>.*'(Sottolinear mizjud minn din il-Qorti) Filwaqt li PC1209 E. Grima fl-affidavit tieghu iddikjara li '*Ahna dak il-hin stess morna fejn kellna rapport ezatt u hemm hekk oservajna <u>persuna li kienet qeghda ghall-kacca go ghalqa li tigi gor-riserva</u>.*' Jirrizulta miz-zewg affidavits li l-appellant kellu arma kif ukoll cintorin b'sitta u tletin (36) skratacc munizzjon.

Filwaqt li fl-affidavit ta' PS305 A. Gauci gie ddikjarat li '*Meta inhata soltu twissija wara gie mistoqsi li fejn kien qieghed ghal-kacca huwa post ipprojbit (RISERVA) ta l-ghasafar u ma jistax joqghod hemm ghal-kacca, dan wiegeb* ***<u>li kien jaf li huwa Riserva imma qallilna li jmur hemm ghax mandux post fejn immur ghal-kacca</u>***.', fl-affidavit ta' PC1209 E. Grima gie ddikjarat li 'x'hin l-appellant gie mistoqsi ghaliex kien ghal kacca go riserva '*Emanuel stqarr li dik kienet ghalqa tieghu u li kienet ezatt min fejn tibda riserva u ahna gbidnilu l-attenzzjoni li xorta jibqa l fatt li kien go iserva u xorta ma setax joqghod hemm*'. Fir-rapport tal-Pulizija tnizzel li '*Meta Emanuel Abela gie mistoqsi jekk kienx jaf li fejn qieghed ghal-kacca huwa riserva post projbit ghal-kacca dan wiegeb li kien jaf li post huwa riserva.*' Kemm is-senter u anke cintorin li kellu 36 skartocc gew elevati. L-appellant fl-appell tieghu jaghmel referenza ghal divergenzi bejn l-affidavit ta' PC305 u PS 1209, dawn fil-fehma ta' din il-Qorti ma jnaqqsux mill-kredibilita' taghhom u dan anke tenut kont tax-xhieda tal-Ispettur Jurgen Vella.

L-Ispettur Jurgen Vella li xehed quddiem din il-Qorti fit-tletin (30) ta' April tas-sena elfejn u dsatax (2019) spjega li '*Għall-bidu kien qed ninnega li kien fir-riserva pero' mbagħad meta baqa' jinsisti kont ħadtlu l-pjanta kien ġie wkoll is-surġent 305 biex jgħidli eżatt fejn kien sabu u fil-post fejn kien instab u fejn is-Sur Abela mbagħad ikkonferma ma' PS 305 fil-preżenza tiegħi fejn kien verament instab imbagħad indikajnielu fil-pjanta u ovvjament il-pjanta kienet ċara, l-isqaq ħareġ fejn kien dan l-isqaq fejn qed insemmi u l-post kien eżattament fejn jaqa' fir-riserva li qed nagħmel aċċenn għaliha.*' L-Ispettur gie muri l-pjanta esebit u mistoqsi dwar l-ittra X u jekk jekk ma ġemb l-ittra X hemmx dan l-isqaq, wiegeb '*Iva jinstab fl-ittra X u l-isqaq qiegħed ... il-konfini tal-isqaq jidirli li qiegħed il-marka s-sewda fejn jindika li mil-parametri fejn hemm immarkat iswed il-ġewwa huwa riserva u n-naħa l-oħra ma jaqax taħt ir-riserva, <u>pero' l-marka X hija l-marka fejn instab l-appellant u dan kien ikkonfermah ukoll fil-preżenza tiegħi s-surġent 305</u>.*'(Sottolinear mizjud minn din il-Qorti.) In kontro-ezami spjega ukoll li '*għall-bidu l-imputat qal li kien f'ċertu pożizzjoni fejn jista' jkun ... id-diviża qed tipprova tindika issa, pero' mbagħad jien niftakar meta kont ikkonfrontajtu mas-surġent 305, u qallu quddiemi jiġifieri li hu kien ... ma kienx qiegħed mall-ħajt kif qal u qiegħed jgħid issa pero' kien qiegħed iktar lejn in-naħa ta' ġewwa tal-għalqa mbagħad is-sur Abela kien irrikonoxxa qabel illi fil-verita s-surġent ma kienx sabu eżattament taħt il-ħajt imma kif indika s-surġent u danil-konfront kien sar quddiemi u wara lis-surġent indika l-post eżattament fejn kien instab jiena kont urejtlu l-mappa lill-appellant u indikajtluli dak effettivament kien qiegħed jinstab fir-riserva.*' Spjega ukoll li '*dik il-biċċa tal-ħajt fejn alega l-ewwel l-imputat l-appellant, meta s-surġent fil-preżenza tiegħi qallu li mhux veru li jinsab hemm hekk is-urġent ħadu fuq il-post jien mort miegħu u dħalna fuq ġewwa tal-għalqa fejn indikalu s-surġent ... fil-verita kien hawn hekk li sabu f'nofs l-għalqa jew x'imkien li żġur mhuwiex fejn indika l-imputat ... żgur jiġifieri li mhux in-naħa tal-isqaq.*'

Dwar il-mappa spjega li '*l-mapppa hemm ċertu features illi meta tmur fuq il-post faċilment tista' tirrikonoxxihom u allura faċilment tkun tista' tiġbed il-linja fejn qegħda r-riserva u fejn mihiex u tajjeb ili ngħid illi l-pulizija kienu mxew hemm hekk fuq rapport li effettivament kien jinstab fir-riserva jiġifieri dan il-konfini huwa ben saput mill-persuni li jiffrekwentaw il-post.*'

Dwar ix-xhieda tal-Ispettur Jurgen Vella, l-appellant jissottometti fl-appell tieghu li x-xhieda tieghu mhijiex attendibbli peress li ma marx fuq il-post *a tempo vergine* u jissottometti li din tikkostitwixxi *hearsay evidence*. Jirrizulta izda li filwaqt li l-Ispettur ma marx a tempo vergine, il-konfront bejn is-Surgent u l-appellant sar fil-prezenza tieghu meta mar fuq il-post bil-mappa li sussegwentement skont ma jirrizulta mix-xhieda tal-Ispettur Vella, l-appellant kien fil-prezenza tieghu kkonferma u qabel mas-surgent fejn kien instab li fattwalment kien jaghmel parti mir-riserva. Ghalhekk skont dak li rrizulta mix-xhieda tal-Ispettur, filwaqt li l-appellant kien originarjament innega li kien instab fir-riserva, meta l-Ispettur mar fuq il-post u sar konfront bejn is-Surgent u l-appellant, l-appellant kien ikkonferma fejn kien instab u li din kienet parti mir-riserva.

In oltre, l-iskeda V tal-Legislazzjoni Sussidjarja 507.41 illum 549.42 tiprovdi ghal lista ta' santwarji tal-ghasafar li fost ohrajn, tinkludi:

'*1. Il-madwar taċ-Ċimiterju ta' l-Addolorata kif jidher fil-mappa mehmuża ma' dawn ir-regolamenti u sa 50 metru minn kull ċimiterju iehor f'Malta u Għawdex.*'

Din il-Legislazzjoni Sussidjarja tinkludi anke mappa li hija simili ghal dik ipprezentata a fol 8. Ghalhekk jirrizulta li l-parti immarkata bhala orango b''x' fuq il-pjanta a fol 8, taqa' f'parti mis-santwarju. L-appellant jissottometti li l-mappa li giet prezentata quddiem l-Ewwel Qorti ma tista' qatt titqies bhala konsistenti f'xi prova preciza ta' fejn kien jinsab precizament l-imputat. Din il-Qorti ma taqbilx mal-appellant dwar dan, jirrizulta mix-xhieda tal-Ispettur Jurgen Vella li l-appellant kien fil-konfront mas-Surgent ikkonferma fejn kien jinsab u li l-Ispettur kien fehmu li dik il-parti taghmel parti mis-Santwarju.

Ir-ritratti esebiti a fol 9 u 10 wahedhom certament ma jistghux jittiehdu bhala prova ta' jekk l-appellant kienx fis-santwarju jew le peress li dawn ma jurux xi forma ta' landmark u in oltre filwaqt li fl-affidavit ta' PS305 A. Gauci tnizzel li ittiehdu zewg ritratti ta' fejn kien qieghed ghal kacca, l-Ispettur Jurgen Vella quddiem din il-Qorti xehed li '*Jiena ħadt ir-ritratti tal-ħajt fejn qal illi jinstab pero*' *mbagħad ħadt ir-ritratt tal-għalqa fejn eventwalment fil-verita meta sar il-konfront is-sur Abela hu stess qal iva kont*

*ninstab hemm hekk wara li ġie kkonfrontat*' u ghalhekk din il-Qorti ma tistax tistrieh fuq dawn iz-zewg ritratti ai finijiet ta' htija. Izda din il-Qorti hija sodisfatta li l-Prosekuzzjoni irnexxilha tipprova fuq bazi ta' minghajr dubju dettat mir-raguni li l-appellant kien instab mill-Pulizija fis-santwarju.

Din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija v. Carmel Azzopardi'**[26] fejn gie kkunsidrat li:

'*L-ewwel qorti lliberat lill-appellat mill-ewwel imputazzjoni ghax irriteniet li "ghalkemm jidher li kien qabez hemm gew [fis-santwarju] bi zball, izda kellu l-arma tan-nar mikxufa, u ghalhekk ma jirrizultax illi effettivament kien qieghed jikkaccja hemm gew." Bid-dovut rigward lejn dik il-qorti, la l-provi u anqas il-ligi ma jikkonfortaw tali konkluzjoni. Il-fatt li wiehed, ghax ma jkunx ha hsieb li jara l-ligijiet sew, jibqa' diehel f'santwarju ta' l-ghasafar proprju ghax ma jkunx jaf fejn huma l-konfini ta' tali santwarju, jammonta ghal zball tal-ligi penali li, kif inhu risaput, ma jistax jingieb bhala skuzanti. L-appellat kien ghall-kacca u, armat kif kien, baqa' diehel f'santwarju ta' l-ghasafar. Lehaqx dahal ftit jew lehaqx dahal hafna f'dan is-santwarju huwa rrelevanti – huwa kien ghall-kacca f'santwarju ta' l- ghasafar bi ksur tar-regolament 24 tal-imsemmi A.L. 79/2006, u ghalhekk l-ewwel qorti malament illiberatu mill- ewwel imputazzjoni, b'mod ghalhekk li l-appell ta' l-Avukat Generali jimmerita li jigi akkolt.*'

Din il-Qorti temfassiza ukoll li ghalkemm l-appellant kellu kull dritt li ma jixhidx, f'kaz li huwa kellu jipprova li xi fatt li tressaq mill-prosekuzzjoni ma kienx minnu, kien jinkombu fuqu biex jipprova dan fuq bazi ta' probabilita. Dan baqa' ma sarx u ghalhekk l-appellant ma setghax jistrieh fuq rikors tal-appell biex jipprova jindika fejn kien jinsab dak in-nhar u fatti li ma jirrizultawx mill-provi fosthom li '*l-imputat ma kienx qieghed jimxi gewwa r-riżerva imma kien qieghed biss jistrieħ bilqieghda maċ-ċint li jikkostitwixxi l-konfini ta' l-istess, tant hu hekk li sabiex kellmuh il-pulizija kellhom jittawlu minn fuq ic-cint;*' jew li '*l-appellant kien kemm il-darba ltaqa' ma' membri tal-iskwadra tal-ALE tal-Pulzija fuq il-post fejn gie avvicinat mill-pulizija fil-kaz odjern izda dawn dejjem qalulu li seta' joqghod f' tali post basta ma jidholx fir-rizerva;*'

[26] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-25 ta' Lulju, 2008 (Numru: 358/2007)

Ikkunsidrat;

Stabbilit li gie ippruvat li l-appellant instab fis-Santwarju tal-ghasafar, din il-Qorti sejra tghaddi biex tikkunsidra l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-appellant. Illi permezz tal-ewwel (1) imputazzjoni, l-appellant gie akkuzat '*talli nhar il-Hadd 6 ta' Settembru 2015 u/jew zminijiet precedenti f' dawn il-Gzejjer, ghall- habta ta' 6:00hrs waqt stagun miftuh ikkaccjajt jew ppruvajt tikkaccja, weggajt, hadt jew ppruvajt tiehu, xi ghasafar gewwa Santwarju ta' l-Ghasafar fl-inhawi ta' Cimiterju ta' L-Addolorata l/o Rahal Gdid u dan bi ksur tar-Regolament 24 (a) tal-L.S. 504.71.*'

Illi jirrizulta li ghalkemm kien gie rapportat li kien hemm persuni li kienu ghal kacca, dan ix-xhud okulari ma ttellax jixhed u ghalhekk kif gia kkunsidrat din il-Qorti mhijiex sejra tikkunsidra din l-informazzjoni li provdiet persuna li ma ttellatx tixhed. Izda jirrizulta li meta l-Pulizija marru fuq il-post sabu lill-appellant wahdu u ma kien hemmx persuni ohra. Ghalkemm PS305 A. Gauci iddikajra li '*ftit wara PC.1209 osserva persuna li kien qieghed ghal-kacca b'senter li ma kienx f'ghata u kien ikkargat li kien gewwa riserva bil-qeghda fuq gebla.*' u PS305 A. Gauci min naha l-ohra iddikjara li '*osservajna persuna li kienet qeghda ghall-kacca go ghalqa li tigi gor-riserva.*', f'dawn l-affidavits ma tnizzilx kif il-Pulizija waslu ghal konkluzjoni li l-appellant kien qieghed ghal kacca. Madankollu, irrizultaw tlett (3) fatti importanti u fil-fehma ta' din il-Qorti huma krucjali u cioe' li s-senter ma kienx f'ghata, kien ikkargat u li kellu cintorin b'sitta u tletin (36) skartocc. Dawn il-fatti fil-fehma ta' din il-Qorti huma provi indizzji li jwasslu ghal konkluzjoni wahda u cioe' li dak in-nhar tas-sitta (6) ta' Settembru tas-sena elfejn u hmistax (2015) l-appellant kien qieghed jiprova jikkacja jew jiehu xi ghasafar minn gewwa Sanwarju tal-Ghasafar fl-inhawi tac-Cimiterju tal-Adolorata fil-limiti ta' Rahal Gdid.

Din l-ewwel (1) imputazzjoni giet ghalhekk ippruvata.

Ikkunsidrat;

Illi t-tieni imputazzjoni taqra '*Akkuzat talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kellek fil-pussess tieghek Arma tan-nar Luigi Frankie sn SA/37738 u li kienet ikkargata u mhux fl-ghata gewwa Santwarju ta' l-Ghasafar u dan bi ksur ta' L.S.04.71 reg 24 (c)*'

Illi gie ippruvat illi l-appellant kellu arma li kienet ikkargata, tant li PS 305 A. Gauci fl-affidavit tieghu iddikjara li '*Meta jien PS.305 u PC.1209 wasalna fuq il-post indikat lilna ghal-habta ta 6:30hrs ftit wara PC.1209 osserva persuna li kien qieghed ghal-kacca b'senter li ma kienx f'ghata u kien ikkargat li kien gewwa riserva bil-qeghda fuq gebla.*' In oltre '*gie iccekjat senter ta l-ghamla L/Frankie sn/SA/37738 fejn instab li kien ikkargat b'Tlett skratac u kellu cintorin 36 skratacc munizzjon.*' PC1209 E. Grima fl-affidvit iddikjara b'referenza ghal Emanuel Abela li '*din kienet ghall-kacca b'senter ta tip luigi Franchhi ser No. SA 37738 kif ukoll cinturin b'36 skrattac.*'. Il-fatt li gew elevati arma tan-nar kif ukoll 36 skratacc huwa anke kkonfermat mill-ircevuta a fol 11.

Din il-Qorti ssib li dak iddikjarat minn PS305 A. Gauci rigwardanti l-arma ikkargata u mhux fl-ghata ma giex ikkontradett bl-ebda mod. Ghalhekk din it-tieni (2) imputazzjoni giet ippruvata ukoll.

Ikkunsidrat;

Illi t-tielet (3) imputazzjoni taqra '*Akkuzat ukoll talli talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi bhala pussessur ta' licenzja taht l-artikolu 27(1) tal-Kap 40 inqast li thares il-kundizzjonijiet imsemmija f' dik l-licenza.*'

L-artikolu 27(1) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra:

'*Liċenzja maħruġa skont ma hemm f'dan l-Att għandha tkun bla ħsara għal kull kondizzjoni li l-Kummissarju jista' jqis li tkun adatta li jagħmel, u l-liċenzja għandha tindika l-kondizzjonijiet li taħthom id-detentur ta' liċenzja jkun jista' jakkwista, jittrasferixxi, iżomm jew ikollu fil-pussess tiegħu xi arma tan-nar, arma regolari u munizzjon.*'

Il-licenzja esebita a fol 16 tiprovdi '*GHALL-GAR TA' ARMA TAN-NAR GHALL-KACCA TA' GHASAFAR FUQ L-ART*' U '*GHAZ-ZAMMA TA'ARMA TAN-NAR*

*GHAL 'TARGET SHOTING' JEW KACCA'*. F'dak li jirrigwarda l-arma in kwistjoni u cioe' dik bin-numru 'SA37738' hemm imnizzel '*Armi tan-nar ghall-gar/uzu biss ghal HUNTING/TARGET B'*.

Ghalhekk jirrizulta li din l-arma li instabet ghand l-appellant tista' tintuza u tingar biss ghal kacca u biex tintuza f'target B. Naturalment din il-licenzja ma tipprovdix li persuna ma ghandux jikkacja minn gewwa Santwarju, stante li din ir-restirzzjoni tohrog mill-ligi. Izda *a contrario sensu*, il-fatt li l-appellant instab fis-santwarju tal-Ghasafar fejn mhuwiex permess kacca, jammonta ghal nuqqas fi tharis tal-kundizzjonijiet ta' dik il-licenzja.

Din it-tielet (3) imputazzjoni giet ghalhekk ippruvata ukoll.

Ikkunsidrat;

Illi r-raba' imputazzjoni taqra '*Akkuzat ukoll talli talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi zammejt jew garrejt arma tan-nar lit kun ikkargata, jew bl-iskratax fil-komparatment ta' l-iskratac ta' l-arma, jew barra l-ghata taghha, f'post li mhux permess l-isparar fuq il-kacca u dan bi ksur tar-reg 17 tal-L.S.504.71'*

Mill-assjem tal-provi, din ir-raba' (4) imputazzjoni tirrizulta ukoll. L-appellant instab fis-Santwarju tal-Ghasafar fl-inhawi tac-Cimiterju tal-Addolorata fejn mhuwiex permess kacca u instab b'arma tan-nar li kienet ikkargata u ma kinitx fl-ghata. In oltre' instab ukoll b'cintorin b'sitta u tletin (36) skartocc.

Ikkunsidrat;

Gialadarba il-prosekuzzjoni irnexxiela tipprova l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-appellant, din il-Qorti sejra issa tikkunsidra l-piena li ghandha tigi inflitta. Illi l-appellant fl-appell tieghu senjatament fl-aggravju rigwardanti l-piena kien fost sottomissjonijiet ohra, issottometta li l-appellant ma spara fuq l-ebda tajra, la protetta u lanqas mhux protetta u li ghalhekk kien qies il-piena inflitta mill-Ewwel Qorti bhala sproporzjonata. In oltre kien issottometta li *dato ma non concesso* li ghal

grazzja tal-argument l-appellant seta' dahal gewwa s-Santwarju, dan dahal biss sa pied jew tnejn oltre l-konfini u certament mhux aktar b'dan il-fatt xorta wahda jibqa' kontestat.

Illi din il-Qorti gialadarba aktar kmieni f'din is-sentenza annullat is-sentenza appellata, ma hijiex sejra tikkunsidra dik il-piena li kienet giet inflitta izda sejra tghaddi sabiex tenut kont tac-cirkostanzi u tal-erba' (4) imputazzjonijiet li taghhom l-appellant instab hati, tikkunsidra l-piena ghandha tigi inflitta. Jirrizulta li *ai termini* ta' dak iz-zmien ir-regolament 27(2) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 504.71, meta jkun hemm ksur tar-regolamenti 4, 6, 18, 19, 21 u 24 u persuna tinstab hatja ghall-ewwel darba, il-piena kienet dik ta' multa ta' mhux anqas minn hames mitt ewro (€500) u mhux iktar minn hamest'elef ewro (€5000) kif ukoll il-konfiska tal-corpus delicti u sospensjoni ta' kull licenjza jew permess mahruga taht dawn ir-regolament u taht it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, għal perjodu ta' mhux anqas minn sentejn (2) u mhux aktar minn hames (5) snin. Filwaqt li ghat-tieni kundanna jew aktar, multa ta' mhux anqas minn elf ewro (€1,000) u mhux aktar minn ghaxart'elef ewro (€10,000) jew prigunerija ta' mhux anqas minn sitt (6) xhur u mhux aktar minn sentejn jew multa u prigunerija flimkien, kif ukoll il-konfiska tal-corpus delicit u r-revoka permanent ta' kull licenzja jew permess, mahruga taht dawn ir-regolament u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija. Ir-regolament 27(2) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 504.71 huwa applikabbli stante li l-appellant instab hati ukoll taht ir-Regolament 24(a) u 24(c) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 504.71.

Jirrizulta mill-fedina penali tal-appellant, li l-appellant kien fil-passat instab hati ta' ksur ta' regolamenti rigwardanti ghasafar, fosthom bi ksur tal-artikolu 18(a) u 18(g) ta' dak iz-zmien il-Legislazzjoni L.S.435.68 fost artikoli ohra. Tant li fl-akkuzi imnizzla fil-kundanna tas-sena elfejn u sebgha (2007), l-akkuzi anke jsemmu 'A.L. 79/2006 art 18(1)(a) u 'A.L.79/2006 art 18(2)(b)'. Din il-Qorti izda tenut kont li l-Prosekuzzjoni ma prezentatx kopja tas-sentenzi bil-konnotati tal-appellant li taghhom l-appellant kien precedement instab hati ma hijiex sejra tiehu in konsiderazzjoni l-kundanni li jirrizultaw mill-fedina penali u ghalhekk stante li ma giex sufficentement ippruvat li din ma kinitx l-ewwel kundanna taht dawn ir-regolamenti, sejra tikkunsidra din bhala l-ewwel kundanna tal-appellant u ghalhekk

sejra tordna sospensjoni ta' kull licenzja jew permess mahruga taht dawn ir-regolament u taht it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija ghal sentejn (2) mil-lum.

L-appellant apparti li nstab hati taht ir-regolamenti 24(a) u 24(c) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 504.71, instab hati ukoll taht ir-regolament 17 taht l-istess Legislazzjoni Sussidjarja. Il-legislazzjoni sussidjarja 504.71 fir-regolament 27(3) kienet tipprovdi ukoll ghal piena applikabbli ghal ksur ta' regolamenti mhux imsemmija fis-subregolament 2 tar-regolament 27. L-appellant instab hati ukoll bi ksur tal-artikolu 27(1) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghalhekk din il-Qorti sejra tenut kont tal-fatt li ma giex ippruvat li l-appellant ha tajra protetta u lanqas mhux protetta, din il-Qorti izda in vista tal-imputazzjonijiet li taghhom l-appellant instab hati qieghda tordna ukoll il-hlas ta' elf u tmien mitt ewro multa (€1,800) kif ukoll il-konfiska tal-arma tan-nar u tal-iskratacc li gew elevati.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti filwaqt li thassar u tannulla s-sentenza appellata, wara li rat ir-regolamenti 24(a), 24(c) u 17 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 504.71 kif ukoll l-artikolu 27(1) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, qieghda ssib lil imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u qieghda tikkundannah multa ta' elf u tmien mitt ewro (€1800), il-konfiska tal-arma tan-nar u l-munizzjon li kienu elevati mill-Prosekuzzjoni u tordna s-sospensjoni ta' kull licenjza jew permess mahruga taht dawn ir-regolamenti u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija ghal sentejn (2) mil-lum.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur